**ID-DUTTRINA** Illum minflok il-messaġġ li s-soltu nikteb jien bħala Arċipriet, qed nagħtukom informazzjoni fuq id-duttrina fl-oqsma tal-bniet u tas-subien tal-M.U.S.E.U.M. kif ukoll il-laqgħat tal-adolexxenti fiċ-Ċentru. Kif taraw biċċa mit-tfal se jibdew wara li tkun bdiet l-iskola imma kien hemm min ried ikun jaf bil-jiem u l-ħinijiet tat-tagħlim Nisrani biex jirranġa l-ħinijiet ta' attivitajiet oħra tat-tfal. Nagħmlu mill-aħjar biex it-tagħlim Nisrani jiġi inkluż fil-formazzjoni ta' wliedna.

---

**IL-LAQGĦAT TAL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ:** ser jibdew din il-ġimgħa u kulħadd għandu jġib miegħu l-maskra/visor. Il-laqgħat ser ikunu f'dawn il-ġranet u f'dawn il-ħinijiet:

**18+:** It-Tlieta 6 t'Ottubru fit-8.00pm

**Form 2 (Yr 8):** L-Erbgħa 7 t'Ottubru fis-6.00pm

**Forms 3-5 (Yr 9-11):** L-Erbgħa 7 t'Ottubru fit-8.00pm

**16+:** Il-Ħamis 8 t'Ottubru fit-8.00pm

---



**ĦINIJIET TAD-DUTTRINA FIL-M.U.S.E.U.M. TAL-BNIET:**

It-tagħlim jibda **minn nhar it-Tnejn 12 t'Ottubru**

**Year 2** - It-Tlieta mill-5.00 sal-5.35pm
**Year 3** - It-Tnejn mill-5.00 sal-5.35pm
**Year 4** - Il-Ħamis mill-5.00 sal-5.35pm
**Year 5** - It-Tnejn mis-6.00 sas-6.35pm
**Year 6** - il-Ħamis mis-6.00 sas-6.35pm
**Form 1** - il-Ġimgħa mill-5.00 sal-5.35pm
**Form 2** - il-Ġimgħa mis-6.00 sas-6.35pm
**Form 3** - it-Tlieta mis-6.00 sas-6.35pm

## AVVIŻI OĦRAJN

**FIL-KAPPELLA TAS-SORIJIET:** se ssir quddiesa ad unur ta' San Franġisk t'Assisi nhar it-Tnejn 5 t'Ottubru. Fl-4.15pm jibda r-ružarju u wara l-quddiesa. Mistednin speċjali l-membri tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù. Hu meħtieġ li tiġu bil-maskra jew visor.

**KOMUNITÀ EWKARISTIKA:** ser terġa' tibda tiltaqa' min-nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru fid-Dar tat-Tagħlim San Pietru u San Pawl, ta' Triq Diċembru 13, fis-7.00pm. Min jixtieq jingħaqad mal-komunità jista' jkellem lil Fr Mark Bonello. Il-komunità hija okkażjoni biex tkompli tikber fit-tagħlim tal-Kelma t'Alla u tgħinek tersaq aktar lejn l-Ewkaristija. Ser nieħdu ħsieb li nżommu d-distanza meħtieġa sabiex kulħadd ikun sigur.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 2 t'Ottubru fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5.00pm fil-knisja. Kulħadd mistieden jattendi.

**QUDDIESA GĦALL-ĠENITURI:** li jkunu jistennew lil uliedhom joħorġu mid-duttrina. Hija opportunità biex intom il-ġenituri tieħdu sehem. Il-quddiesa ta' fost il-ġimgħa fix-xitwa kienet issir fl-4.30pm issa mexxejnieha għall-5.00pm. Approfittaw!

**NIRRINGRAZZJAW:** lil Les u Maureen Thirkle li għoġobhom joffru laptop lill-parroċċa tagħna. Il-Mulej ibierek lil kull min jagħti mill-qalb.

**ĦINIJIET TAD-DUTTRINA FIL-M.U.S.E.U.M. TAS-SUBIEN:**

| **Nhar ta' Tnejn u Ħamis (jibdew mit-Tnejn 19 t'Ottubru)** | | **Nhar ta' Tlieta u Ġimgħa (jibdew mit-Tlieta 20 t'Ottubru)** | |
|---|---|---|---|
| **Year 1** | 5.45 - 6.15pm | **Year 2** | 5.45 - 6.15pm |
| **Year 3** | 5.50 - 6.20pm | **Year 4** | 5.50 - 6.20pm |
| **Year 5** | 6.00 - 6.30pm | **Year 6** | 6.00 - 6.30pm |

**Nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa (jibdew mit-Tnejn 12 t'Ottubru)**

**Year 7 sa Year 11** 7.00-7.30pm

Għaż-żgħar il-grawnd jinfetaħ fil-5.30pm u għall-kbar fis-6.30pm. Il-logħob isir fuq bażi ta' roster li fih tilgħab 'year group' waħda biss. Il-lezzjonijiet se jsiru b'tali mod li tinżamm id-distanza soċjali. It-tfal iridu jiġu bil-maskra u ġewwa tintlibes il-ħin kollu. Għalissa mhux se jkun hemm servizz ta' vann wara l-lezzjonijiet.



**SENA ĊENTINARJA - 1**

Il-Leġjun ta' Marija twaqqaf fis-7 ta' Settembru 1921 mill-Qaddej ta' Alla, Frank Duff. Jinsab fid-dinja kollha u l-ewwel laqgħa f'Għawdex kienet fit-22 ta' Jannar, 1950.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am